

Brussell, 1 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

10756/3/18
REV 3

JAI 728	DATAPROTECT 151
FREMP 117	DIGIT 148
DROIPEN 100	EDUC 287
COHOM 92	EMCO 3
ANTIDISCRIM 14	EMPL 378
ASILE 51	GENDER 24
ASIM 93	JEUN 86
COPEN 246	JUSTCIV 183
COSI 172	MIGR 107
COTER 99	SOC 471
CT 126	VISA 181
DAPIX 227	

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10756/2/18 REV 2
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2017

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-proposta ta' compromess tal-Presidenza tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2017, b'kont meħud tal-kontributi mid-delegazzjonijiet. Dawn il-konklużjonijiet ser jiġu eżaminati fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP) fid-19 ta' Settembru 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-KARTA
TAD-DRITTJIET FUNDAMENTALI FL-2017**

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill jafferma li l-Unjoni Ewropea hija 'unjoni ta' valuri' kif minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun post fejn in-nies ikunu jistgħu jistgħanew, igawdu d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom u jgħixu haġġithom mingħajr diskriminazzjoni. Għaldaqstant meta l-UE u l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-UE, huma għandhom jirrispettaw il-Karta fl-azzjonijiet kollha tagħhom fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE.
2. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iħares b'mod favorevoli lejn ir-rapport tal-2017 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹ (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Karta), kif ukoll ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali għall-2018 tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali² (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Aġenzija).

¹ ST 9542/18

² ST 9557/18

3. Il-Kunsill ifakkar li skont l-Artikolu 51 tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lill-istituzzjonijiet tal-UE, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni kif ukoll, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, lill-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Il-Kunsill jappella lil dawn l-atturi kollha biex japplikaw u jippromwovu l-użu tal-Karta f'livelli differenti. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-għarfien dwar id-drittijiet tal-Karta, inkluż il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), speċjalment fost iċ-ċittadini Ewropej, il-pubbliku ġenerali, u l-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali, u biex jiżguraw li jiġu offruti moduli ta' taħriġ immirati għal professjonisti legali nazzjonali inkluż imħallfin.
4. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-konferenzi relatati mal-Karta li ġew organizzati mill-Presidenzi tal-Kunsill u jistenna b'interess il-konferenza li jmiss bit-titolu "Il-*"ħajja nazzjonali"* tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Modi biex jittejjbu l-għarfien, it-taħriġ ġudizzjarju u l-implimentazzjoni' fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2018. Il-konferenza ser tiddiskuti diversi għodod għal implimentazzjoni aħjar u t-titjib tal-għarfien dwar id-drittijiet stipulati fil-Karta. Din ser isservi wkoll bħala okkażjoni biex l-Aġenzija tippreżenta l-manwal li jmiss tagħha li jipprovdi gwida dwar l-applikabbiltà tal-Karta.
5. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa l-10 anniversarju li qed joqrob fl-2019 minn meta l-Karta saret legalment vinkolanti bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Din ser tkun opportunità biex issir riflessjoni fuq l-esperjenzi li nkisbu sa issa u fuq aktar modi biex jiġi żgurat li din tintuża bil-potenzjal sħiħ tagħha.
6. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol li taqdi il-QĠUE fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta fl-UE u, permezz tal-ġurisprudenza tagħha, fl-għoti ta' gwida ulterjuri lill-imħallfin u l-qrati nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Karta. Hija tikkontribwixxi biex il-Karta ssir realtà għan-nies inġenerali.

7. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol essenzjali li taqdi l-Aġenzija, kif stabbilit fir-Regolament Fundatur tagħha, fil-ġbir u t-tqassim ta' data rilevanti, objettiva, affidabbli u li tista' titqabbel, u fl-ġhoti ta' assistenza bbażata fuq l-evidenza u ta' għarfien espert fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali fuq il-post, biex b'hekk trawwem kultura tad-drittijiet fundamentali madwar l-UE. Dan ġie enfasizzat b'mod ċar ukoll fit-tieni evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Aġenzija, li ntlaqgħet tajjeb mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija f'Diċembru 2017 u wara ġiet ippreżentata lill-Kunsill. Il-Kunsill ser jikkunsidra kull proposta għal reviżjoni tar-Regolament tat-Twaqqif tal-Aġenzija li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tippreżentalu, b'kont meħud tal-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija fl-2017 u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija abbażi ta' din l-evalwazzjoni.
8. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tajba, fi ħdan il-kompetenza tal-Unjoni, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi esperti tiegħu bħall-Kummissjoni ta' Venezja.

II. IR-RISPETT GĦAD-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT BĦALA PREREKWIŻIT GĦAT-TGAWDIJA SĦIĦA TAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

9. Id-demokrazija hija valur ċentrali komuni għall-UE u l-Istati Membri kollha tagħha. Il-Kunsill jistenna b'interess il-Kollokju tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2018 li huwa ddedikat għas-suġġett importanti tad-'Demokrazija fl-UE'. Il-kollokju ser jipprovdi opportunità **f'waqtha** biex fl-ogħla livell espert u politiku jiġi diskuss kif jista' jiġġedded l-impenn demokratiku fi ħdan l-UE u s-soċjetà Ewropea u jiġu identifikati modi potenzjali biex titrawwem id-demokrazija ħielsa, inklużiva u trasparenti fl-UE.

10. Fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin f'Mejju 2019, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tittieħed azzjoni biex titħeġġeġ parteċipazzjoni numeruża u demokratika, u fl-istess ħin il-problema dejjem tikber tad-diżinformazzjoni diġitali massiva. Il-Kunsill jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni f'dan il-kuntest inkluż fil-Komunikazzjoni tagħha 'L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online', li għandha l-għan li tippromwovi approċċ konsistenti mill-Istati Membri għal din il-problema kumplessa, u jistenna b'interess li jara r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ippjanati. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma li l-Istati Membri individwali u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna qed iwettqu f'dan il-qasam, filwaqt li jissottolinja li din il-ħidma tista' tikkontribwixxi ukoll biex jingħata appoġġ lis-sħab internazzjonali fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet madwar id-dinja.
11. Fil-qafas tad-dritt internazzjonali, tal-UE u dak nazzjonali, il-Kunsill jenfasizza r-rwol kruċjali ta' soċjetà ċivili vibranti fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tad-demokrazzi. Il-Kunsill ifakkar l-importanza li titneħħa u tiġi evitata kwalunkwe restrizzjoni mhux meħtieġa, illegali jew arbitrara fuq l-ispazju tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda paċifika u tal-espressjoni.
12. Il-Kunsill ifakkar li l-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni u prerekwiżit għar-rispett tad-drittijiet fundamentali.
13. Il-Kunsill ifakkar li l-Kunsill u l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill impenjaw ruħhom li jistabbilixxu djalogu fost l-Istati Membri kollha fi ħdan il-Kunsill biex jippromwovu u jissalvagwardjaw l-istat tad-dritt fil-qafas tat-Trattati u jistenna b'interess l-evalwazzjoni tad-djalogu dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill sa tmiem l-2019.

14. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jilqa' l-fatt li djalogu annwali fil-Kunsill dwar l-istat tad-dritt ta' din is-sena ser janalizza dan is-suġġett. Is-seminar organizzat mill-Presidenza fil-11 ta' Lulju 2018 wera li l-fiduċja hija prerekwiżit neċessarju għall-funzjonament adegwat tal-fergħat leġislattivi, eżekuttivi u [...] **ġudizzjarji** [...] **tal-Istat** u ddiskuta diversi miżuri li jikkontribwixxu għat-tisħiħ jew għall-kisba mill-ġdid tal-fiduċja, inkluż l-attitudni miftuħa u t-trasparenza msaħħa. Il-Kunsill jistenna b'interess id-dibattitu ministerjali fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

III. TRAWWIM TA' KULTURA TA' DRITTJIET FUNDAMENTALI FL-UE

15. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni fil-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, inkluż l-organizzazzjoni tal-Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tat-trawwim ta' koerenza u konsistenza aħjar bejn id-drittijiet fundamentali interni u l-politika esterna dwar id-drittijiet tal-bniedem.
17. Il-Kunsill jibqa' impenjat favur l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), li ser issaħħaħ il-valuri komuni tal-Unjoni, ittejjeb l-effikaċja tad-dritt tal-UE u żżid il-koerenza tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien tlesti l-analiżi tagħha tal-kwistjonijiet legali mqajma mill-QĠUE fl-Opinjoni 2/13, għall-konsiderazzjoni ulterjuri mill-Kunsill.
18. Fl-okkażjoni tas-70 anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018, l-UE tafferma mill-ġdid ir-rwol tagħha fl-istabbiliment ta' punt ta' riferiment globali għall-protezzjoni universali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll fit-trawwim ta' kultura ta' drittijiet fundamentali.

Tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet

19. Il-Kunsill jilqa' l-Kollokju dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2017 tal-Kummissjoni ddedikat għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi li indirizza l-emanċipazzjoni ekonomika, politika u soċjali tan-nisa, id-drittijiet tan-nisa fl-isferi tal-ħajja pubbliċi u privati u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kollha.
20. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-ħidma tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), b'mod partikolari l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2017 tiegħu li jkejjel l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea fl-2005-2015, bħala miżura komprensiva biex jiġi appoġġat tfassil ta' politika infurmat aħjar u tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.
21. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa u protetta **t-tgawdija sħiħa** tad-drittijiet **tal-bniedem** min-nisa **u l-bniet** u li tissaħħaħ il-protezzjoni tan-nisa u l-bniet kollha kontra l-forom kollha ta' vjolenza f'kull sitwazzjoni.
22. Il-Kunsill ifakkar fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-iffirmar³ tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul) mill-UE, u l-intenzjoni tiegħu espressa fihom li jipproċedi bil-konklużjoni tal-Konvenzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-analiżi tagħha tal-obbligi li l-UE ser iġġorr hija stess taħt il-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tagħha kif ukoll tal-persunal tagħha. Il-Kunsill jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' Istanbul biex jagħmlu dan mill-aktar fis.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/865 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/866, tal-11 ta' Mejju 2017, ĠU L L 131/11, 20.5.2017

Il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija

23. Riżultati mit-tieni edizzjoni tal-Istħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS)⁴, kif ukoll rapporti minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, punt fit-tendenzi ta' tħassib fir-rigward ta' għadd ta' forom ta' mibegħda u intolleranza, inklużi diskriminazzjoni, fastidju u profil diskriminatorju mifruxa.
24. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa l-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, li rawwem diskussjonijiet, kooperazzjoni, skambju ta' Prattiki tajba u l-kompilazzjoni ta' gwida dwar għadd ta' oqsma ewlenin. Dan jipprovdi pjattaforma bħala appoġġ għall-isforzi tal-UE u dawk nazzjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli rilevanti u l-istabbiliment ta' linji politiċi effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati ta' mibegħda u [...] **inċitament għall-mibegħda u għall-vjolenza**, inkluż id-diskors ta' mibegħda illegali online.
25. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jibnu fuq din il-ħidma għall-kisba ta' progress konkret fuq il-post fir-rigward tar-razziżmu u l-ksenofobija, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet ta' appoġġ u assistenza operazzjonali mill-UE u l-korpi internazzjonali biex jiġu identifikati aħjar in-nuqqasijiet u jitjieb ir-rispons għall-indirizzar tagħhom.
26. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Istati Membri jagħmlu aktar sforzi biex jitjieb ir-reġistrar tar-reati ta' mibegħda u jiġbru u jipubblikaw b'mod sistematiku data affidabbli dwar reati ta' mibegħda fuq bażi regolari sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiżviluppaw rispons legali u ta' politika effettiv u bbażat fuq l-evidenza għal dan il-fenomen. L-Istati Membri huma wkoll imhegħġa jiżguraw li d-diversi forom ta' reati ta' mibegħda jkunu pprojbiti taħt id-dritt nazzjonali tagħhom u jieħdu miżuri ta' prevenzjoni u jiġġieldu każijiet ta' reati ta' mibegħda u [...] **inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza**, b'mod partikolari permezz ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u pproċessar fil-qorti ta' każijiet bħal dawn b'mod effettiv, sabiex jiġi evitat li atti kriminali jitwettqu b'impunità.

⁴ <http://fra.europa.eu/en/project/2015/eu-midis-ii-european-union-minorities-and-discrimination-survey>

27. Filwaqt li jenfasizza l-importanza vitali tal-libertà tal-espressjoni, il-Kunsill jilqa' ukoll ' id-djalogu volontarju li sar skont il-kodiċi ta' kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online u r-riżultati pożittivi tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-2017, li juri li l-pjattaformi tal-IT neħħew madwar 70% tal-kontenut notifikat lilhom meta mqabbel ma' 28% biss fl-eżerċizzju preċedenti. Il-Kunsill jilqa l-fatt li l-kodiċi ta' kondotta qed isir standard għall-industrija, li qed ukoll jiġbed l-attenzjoni minn pjattaformi iżgħar.

Il-Promozzjoni tan-Nondiskriminazzjoni

28. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa l-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, id-Diversità u l-Ugwaljanza u tas-Sottogrupp tiegħu dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza fejn adatt. Jistieden lill-Istati Membri biex jipparteċipaw f'dan is-Sottogrupp u jkomplu jsaħħu l-kwalità u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza fit-tfassil tal-politika tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna b'interess il-linji gwida l-ġodda dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza.
29. Il-Kunsill jilqa' wkoll id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar standards għall-korpi dwar l-ugwaljanza u jinnota b'mod pożittiv ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni⁵ li tagħti pariri lill-Istati Membri dwar il-miżuri li jistgħu japplikaw biex jgħinu jżidu l-effettività u l-indipendenza tal-korpi dwar l-ugwaljanza.
30. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell nazzjonali u dak tal-UE fil-ġlieda kontra l-intolleranza, id-diskriminazzjoni u [...] **l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza**, inkluż kontra gruppi reliġjużi, fl-Istati Membri kollha.⁶

⁵ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2018/951 tat-22 ta' Ġunju 2018, ĠU L 167/ 28 tal-4 ta' Lulju 2018

⁶ **Delegazzjoni waħda pproponiet l-inklużjoni ta' "speċjalment l-Insara u l-Lhud"**

L-integrazzjoni tar-Rom

31. Il-Kunsill jilqa' d-diskussjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu mill-Kummissjoni tal-Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom sal-2020. Dan juri l-ewwel sinjali tal-progress, speċjalment fl-iżgurar li t-tfal itemmu l-edukazzjoni full-time u obbligatorja tagħhom u fil-promozzjoni tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal. Madankollu għad hemm ostakli (fl-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni) li jkomplu jxekklu l-isforzi biex dawn l-inizjattivi jissarfju f'opportunitajiet ta' aktar impjiegi. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu sforzi biex jiġġieldu r-razziżmu u [...] **l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza** kontra r-Rom u biex isaħħu l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Rom, ukoll fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fis-Semestru Ewropew.

Drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà

32. **Il-Kunsill jafferma l-impenn tiegħu li jippromwovi, jipproteġi u jiżgura t-tgawdija sħiħa u uguali tad-drittijiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu sforzi biex jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u biex jippromwovu l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni u l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020**

Id-drittijiet tat-tfal

33. Il-Kunsill jafferma l-impenn tiegħu li jkompli [...] **jippromwovi** id-dritt ta' kull tifel u tifla li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal [...] u kif minqux fl-Artikolu 24 tal-Karta.
34. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE adottaw il-Linji Gwida riveduti tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal - Ma Neskludu lill-ebda Tifel jew Tifla (2017). Dawn il-Linji Gwida jstabbilixxu l-istrateġija ġenerali tal-UE għat-tisħiħ tal-isforzi biex ikun żgurat li kull tifel u tifla, b'mod partikolari dawk l-aktar emarġinati **u vulnerabbli**, jintlaħqu mil-linji politiċi u l-azzjonijiet tal-UE.

Il-protezzjoni tat-tfal migranti

35. It-tfal migranti, speċjalment il-minorenni mhux akkumpanjati, jinsabu fi stat ta' vulnerabbiltà partikolari u esposti kontinwament għal riskji ta' vjolenza, abbuż fiżiku, sfruttament, abbuż sesswali u traffikar. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tfal migranti tat-8 ta' Ġunju 2017 wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' April 2017 dwar din il-kwistjoni.⁷
36. Il-Kunsill jilqa' l-ħolqien tan-Netwerk Ewropew tat-Tutela, li ser jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-iskambju tal-prattiki tajba.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti tat-8 ta' Ġunju 2017, u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' April 2017 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti, COM(2017) 211 final

Ugwaljanza LGBTI⁸

37. Il-Kunsill jinnota li l-persuni LGBTI għadhom spiss vittmi ta' diskriminazzjoni, vjolenza fiżika u [...] **inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza** fl-UE kollha. Għalhekk, il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-2016 dwar l-ugwaljanza tal-LGBTI⁹ u jirrikonoxxi b'interess ir-Rapport Annwali tal-2017 dwar il-lista ta' azzjonijiet mill-Kummissjoni biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza tal-LGBTI, li għet ippreżentata fl-1 ta' Marzu 2018, dwar Zero Discrimination Day (Jum ta' 0 Diskriminazzjoni).¹⁰
38. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv l-isforzi tal-Aġenzija fl-2018 biex tħejji t-tieni sħarriġ fl-UE kollha dwar l-LGBTI¹¹ biex jitjieb il-**korp ta'** data[...] u b'hekk jassisti lill-istituzzjonijiet tal-EU u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali ta' persuni LGBTI. Il-Kunsill jistenna b'interess il-pubblikazzjoni ta' sħarriġ futur mill-Aġenzija dwar dan is-suġġett sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati t-tendenzi.

Approċċ għal tixjiħ ibbażat fuq id-drittijiet

39. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kwistjonijiet imqajma mill-popolazzjoni li qed tixjiegħ fl-Ewropa kollha u jafferma mill-ġdid l-importanza li jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali tal-persuni jibqgħu jiġu rispettati tul haġġithom kollha u li l-bżonnijiet partikolari ta' persuni aktar anzjani jiġu rikonoxxuti u rispettati. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li qed iwettqu l-Istati Membri f'dan il-qasam.

⁸ **Delegazzjoni wahda pproponiet it-thassir**

⁹ Adottati fis-16 ta' Ġunju 2016 (<http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/06/16/epsco-conclusions-lgbti-equality/>)

¹⁰ <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2017annualreportonlgbtilistofactions.pdf>

¹¹ <http://fra.europa.eu/en/project/2018/eu-lgbti-survey-ii>

40. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija fir-Rapport tagħha tal-2018 dwar id-Drittijiet Fundamentali biex tanalizza l-fenomeni tat-tixjiħ b'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u jieħu nota tal-opinjoni tal-Aġenzija li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex jippromwovu approċċ bħal dan għat-tixjiħ.

Il-proklamazzjoni tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali

41. Il-Kunsill jenfasizza li l-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali mill-mexxejja tal-UE fis-17 ta' Novembru 2017 turi l-impenn politiku qawwi mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jaħdmu għal Ewropa aktar soċjali u inklużiva.
42. It-tweqqiġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa impenn u responsabbiltà politika kondiviża tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

Il-protezzjoni tad-data u d-dinja diġitali

43. Il-Kunsill jilqa' l-bidu tal-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data fil-qasam tal-infurzar tal-liġi f'Mejju 2018. Dawn l-oqfsa leġiżlattivi jsaħħu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini fl-era diġitali fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' din id-data, kif minqas fl-Artikolu 8 tal-Karta, filwaqt li jiġi ffaċilitat in-negozju fis-Suq Uniku Diġitali.

44. Il-Kunsill jirrikonoxxi li d-dinja diġitali, inkluża ż-żieda fl-użu tal-algoritmi, il-blockchain, l-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji oħra ġodda, ser ikompli jkollha impatt importanti fuq ħajjet iċ-ċittadini u fuq drittijiethom. Hu importanti li jittieħed kont tal-fatt li s-soluzzjonijiet diġitali u t-teknoloġiji ġodda jinkludu kemm opportunitajiet importanti biex jiġu żgurati aktar id-drittijiet fundamentali, bħall-aċċess għall-ġustizzja u l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, kif ukoll ir-riskji potenzjali, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, l-ugwaljanza u d-dinjità tal-bniedem.
45. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tissaħħaħ il-fiduċja f'teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali, u jistenna b'interess il-linji gwida li jiġu żviluppati f'dan il-qasam, b'kont debitu meħud tal-Karta.
-